MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2284/2003

**Cutajar (Installations) Ltd**
**Vs**

**Noel Azzopardi**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm213 (mitejn u tletax-il lira Maltin) prezz ta' airconditioner mibjugh u kkunsinjat lil konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 5 ta' Mejju 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-28 ta’ Novembru 2003 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fit-2 ta’ Frar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------